Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 – It-Tnejn 12 ta' Ottubru 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza u Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand is-Sinjura M E Magri rigward xi lmenti u suġġerimenti dwar Ta' Passi u l-annimali li hemm. Sar qbil li għandna nirringrazzjawha tal-ittra tagħha u nuruha li ser nieħdu inkonsiderazzjoni l-ilmenti tagħha filwaqt li nassigurawha li l-Kunsill għandu pjan ħolistiku għall-post u qed jistenna l-permessi meħtiega mingħand l-entitajiet kompetenti.

3.2 Saret referenza għal fatt li fil-jiem li ġejjin mistennija jeħlu t-tabelli u l-bollard fit-Triq ta' Fuq il-Għajn. Sar qbil ukoll li ghal din l-istess Triq jigu ordanati żewġ tabelli 'Dead End'.

3.3 Tressqet it-talba mingħand Teddy Portelli sabiex jitneħħew parti mill-yellow lines ta' Triq Fuq il-Għajn li prattikament qegħdin hemm għalxejn. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.4 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Sinjura Valerie Bugeja rigward isem ġdid għal triq dejqa bejn Triq Bengħazi u Triq il-Ġnien. Sar qbil li l-Kunsill għandu jaħseb dwar dan u jiġi proponut isem aktar 'l quddiem.

3.5 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Doris Zammit biex issir *shifting* ta' bozza peress li qed tintlaħaq bl-idejn mill-veranda tagħha. Hija proponiet li jew titpoġġa aktar 'l fuq jew titwaħħal fuq arblu tal-faċċata tat-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mal-kuntrattur dwar jekk tistax titla' aktar 'l fuq u jekk ma jistax isir dan titwaħħal fuq l-arblu tal-faċċata.

3.6 Sar qbil li għandna nerġgħu nikkuntatjaw lil Inġinier Renzo ta' Galeacurmi peress li d-dawl ħdejn il-monument tal-futbol reġgħa mhux qed jixgħel.

3.7 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-Onor Chris Said fejn bħala shadow minister għal Għawdex talab laqgħa mal-Kunsill biex jiddiskuti xi problemi li jħabbat wiċċu magħhom il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din it-talba u jistiednu għal-laqgħa li jmiss.

3.8 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Sur John Lever fejn talab sabiex tiġi nstallata bozza ġdida fil-bidu ta' Triq iż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna napplikaw għal din il-bozza ġdida.

3.9 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għad-depożitu li kienu ħallsu l-iżviluppaturi ta' Mgarr Heights bħala Planning Gain li huma allokati biex jintużaw mill-Kunsill biex titrranġa t-triq bihom. Sar qbil li għandna niċċekjaw dwarhom u kif nistgħu naċċessawhom.

3.10 Il-Kunsillier Caruana rrefera wkoll għall-offerta li l-Kunsill kien ħareġ biex jagħmel resurfacing lil Hamri Street. Sar qbil li għandna nerġgħu nikkuntatjaw lil Perit Edward Scerri u nerġgħu noħorġu t-tender tagħha. Jekk il-Kunsill jakkwista risposta pożittiva mingħand il-MEPA rigward Triq iż-Żewwieqa, jkun jista joħroġ tender wieħed għal Triq iż-Żewwieqa, Triq Hamri u wkoll Triq Għajnsielem kif kien pjanat oriġinarjament.

3.11 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal-laqgħa li huwa kellu mal-Green MT fejn irrefera għall-kuntratt iffirmat fis-sena 2010 u skada fl-2012. Skond il-kuntratt, il-Green MT hija obbligata li tgħaddi s-somma ta' €30 kull ġimgħa lil Kunsill. Meta saru l-kalkoli bbazati minn meta kien hem mil-kuntratt fis-sehh s'issa, l-ammont dovut jammonta 'l fuq min €6000. Pero minkejja li l-Kuntratt skada u l-kuntratt ma ġiex imġedded, il-Green MT baqa' jiġbor l-iskart separat. Is-Sindku semma' li s-Sur Attard talab l-invoices u l-workings tagħhom. Sadanitant il-Kunsill għandu joħroġ expression of interest għal dan is-servizz.

## 4.0 Laqgħa mal-Perit rigward ix-Xogħolijiet fil-Pjazza tad-Dehra u tal-entratura tal-grawnd tal-futbol

4.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sur Mark Attard bħala rappreżentant tal-Perit Godwin Sultan biex jiddiskuti żewġ proġetti mal-Kunsill; dak tal-embellishment quddiem il-Grawnd tal-Futbol u l-ieħor tal-Pjazza tad-Dehra.

4.2 Bħala embellishment ta' quddiem l-entratura tal-Grawnd il-proġett propost intellgħa għal madwar €18,000. Il-Kunsill ra li din l-istima hija waħda kbira u li l-Kunsill żgur li ma jistax jidħol għal dan il-piż. Il-Kunsill qabel għalhekk li għandu jiltaqgħa ma' rappreżentanti ta' Għajnsielem FC u jiddiskuti l-proġett u safejn jista' jgħin il-Kunsill fit-twettiq ta' dan il-proġett.

4.3 Saret referenza għall-proġett tal-Pjazza tad-Dehra u għal fatt li ġġebbed iżżejjed speċjalment fil-bidu u issa qed jirriżulta li l-proġett jinħtieġ li jimxi b'rittmu mgħaġġel b'detriment għall-aħħar kuntrattur li jrid jgħaqqad ix-xogħol li f'dan il-kaz huwa s-Sur Joe Grima. Is-Sur Grima kien prezenti wkoll għal-laqgħa sabiex jiċċara ċerti punti mal-Kunsill speċjalment għal fatt li huwa ġie assenjat ċerti xogħolijiet li ma kinux fit-tender tiegħu iżda f'dak tac-Civil Works fuq deċiżżjoni tal-Perit. Is-Sur Attard hawnhekk spjega kif il-Perit tal-proġett ħass li aħjar isiru mill-kuntrattur li ser jagħmel il-finishes għax ma kinux jagħmlu sens li jsiru qabel u jkun aħjar li jsiru waqt l-andament tax-xogħol. Il-kuntrattur Joe Grima semma' li huwa konxju mid-deadline kurrenti, dik tal-31 t'Ottburu 2015. Huwa semma' li din il-ġimgħa huwa jkun ħeles nofs ix-xogħol inkluż it-taraġ u għalhekk ikun jista' jidħol ikompli l-kuntrattur tad-dawl Silvio Buttigieg.

4.4 Is-Sindku rrefera għad-diżgwid li kien hemm bejn l-Inginier tal-proġett Galeacurmi u l-kuntrattur rigward termini li kien hemm fil-kuntratt. Dan id-diżgwid kien ifisser li l-Kunsill jista' jeħel mal-€2000 differenza jekk jirriżulta li l-kuntrattur għandu raġun. F'dan l-istadju ġie kkonsultat l-Enġinier li kien fil-Bord tal-għażla u kkumenta li meta evalwa l-emails bejn l-Inġinier u l-kuntrattur jidher li t-tnejn għandhom xi ftit raġun u għalhekk l-aħjar soluzzjoni tkun li nieħdu parir legali. Għalhekk sadanitant biex ma nitilfux żmien ġie kkuntatjat l-avukat tal-Kunsill u ġie mgħoddi l-każ f'idejh.

## 5.0 Wara l-miġja tat-taljani fostna

5.1 Is-Segretarja preżentat rapport dwar l-ispejjes relatati mal-ospitalita' tat-taljani fostna fl-okkażżjoni tal-festa tal-lokal. Il-Kunsill qabel li l-istess ammont ta' ospitalita' ġie reċiprokat mill-pajjiz ġemellat ta' Tolfa meta marret delegazzjoni ta' 16 u 30 persuna minn Għajnsielem f'Tolfa f'Awissu u f'Settembru fl-okkażżjoni ta' Tolfarte u tat-tournament tan-Nursery FC rispettivament.

## 6.0 Applikazzjonijiet għall-Kunsill tat-Tfal

6.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li wara sejħa li ħarġet għall-applikazzjoni tal-Kunsill tat-tfal bħala nomini kien hemm tnejn biss. Sar qbil li għalhekk għandna ninfurmaw lil kap tal-iskola primarja dwar dan u nitolbuha tħeġġeġ lill-istudenti biex jitfgħu n-nomina tagħhom.

## 7.0 Wara ż-żjara tan-Nursery Għajnsielem FC f'Tolfa

7.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-esperjenza pożittiva ħafna li kellu t-tim tan-Nursery ta' Għajnsielem FC f'Tolfa bejn it-8 u l-11 ta' Settembru. Huwa rrefera għal fatt li minbarra li t-tfal iltaqgħu ma' tfal oħra minn pajjiż ieħor, huma ħassewhom importanti li qed jaffrontaw u jittrenjaw ma' tim barrani, barra minn Malta. Huwa rrefera għal-laqgħat li kellu kemm mal-Għaqdiet tal-Futbol ta' Tolfa kif ukoll mal-Kunsill rigward il-proposta li dan l-iskambju jiġi rreċiprokat f'Lulju f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil li għandna niddiskutu dan il-pjan kemm ma' Għajnsielem FC u kif ukoll mal-Comune ta' Tolfa.

7.2 Il-Kunsillier Buttigieg irrefera wkoll għal-laqgħa li kellu meta kien f'Tolfa fejn ġie nfurmat li l-Croatia u Slovenia li huma ġemellati wkoll ma' Tolfa, huma nteressati għall-ħbiberija speċjali bejnhom u bejn Għajnsielem u għalhekk il-kunsillier Buttiġieġ propona li tkun ħaġa sabiħa li tiġi mistiedna delegazzjoni minn dawn il-pajjiżi biex niddiskutu possibilitajiet ta' ħbiberiji u wkoll jżuru Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ġie deċiz li għandha tintbgħat email lir-rappreżentanti minn dawn il-komunitajiet u nistiednu delegazzjoni żgħira minn Tolfa, Croatia u Slovenia biex jiġu fostna bejn il-5-9 ta' Diċembru 2015.

## 8.0 Quotation għat-Tiżjin tal-Milied

8.1 Il-Kunsill qabel li bħas-snin ta' qabel għandu jippublika Quotation għat-tiżjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel li għandu jibbaża d-dokument tal-istima fuq dak tas-snin ta' qabel pero' jniżżel li l-Kunsill ser jirriserva d-dritt li jagħżel l-offerta skond id-disinni li jogħġbuh mhux jintrabat mal-prezz. Sar qbil ukoll li bħala *optional* nitolbu stima ta' *light roping* madwar il-palm tal-ġnien tal-monument tal-gwerra.

## 9.0 Kompetizzjonijiet tal-Milied

9.1 Il-Kunsill qabel li għandu jħeġġeġ lil-lokalita' kollha sabiex kemm jista' jkun jżejjnu t-twieqi tagħhom bil-bambin b'mod speċjali dawk id-djar tal-pjazza u tal-madwar.

9.2 Sar qbil li bħal ta' kull sena ssir il-kompetizzjoni tal-presepju u tiġi aġġudikata mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju.

9.3 Sar qbil ukoll li flimkien mal-iskola Primarja għandna nagħmlu kompetizzjoni għall-isbaħ kartolina li tiġi printjata fuq recycled paper u tintbgħat f'kull residenza t'Għajnsielem.

## 10.0 Environment Waste Reduction Week 2015

10.1 Is-Segretarja rreferiet għall-applikazzjoni ta' attivita'/attivitajiet konnessi mal-European Waste Reduction Week li magħhom hemm marbuta premju. Il-Kunsill qabel li għandu japplika billi jorganizza attivitajiet b'tema ta' *awareness* dwar dan il-qasam.

## 11.0 Bethlehem f'Għajnsielem

11.1 Is-Sindku rrefera għall-preparamenti tal-attivita' Bethlehem f'Għajnsielem u għal fatt li huwa preokkupat ħafna għan-nuqqas ta' entużjażmu mill-għaqdiet u mill-voluntiera. Huwa propona li f'każ ta' nuqqas ta' animaturi jew ushers, jista jkun il-fatt li l-Kunsill ikollu bżonn iqabbad l-Scouts.

11.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal ħtieġa ta' Projects Manager għal fuq dan il-proġett matul dawn l-aħħar xhur ta' preparamenti. Huwa propona li mportanti li jkun hemm persuna li timmoniterja x-xogħol. Sar qbil li din il-materja għandha tiġi diskussa wkoll fil-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem.

11.3 Issemma' wkoll il-fatt li qed isiru xi kuntatti biex jiġi determinat il-post minn fejn għandhom jitilqu s-Slaten Magi possibilment mil-Italja t'Isfel jew minn Sqallija.

## 12.0 Materji oħra

12.0 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-fanal fejn il-forn fil-Pjazza u għal fatt li jinħtieġ li ssir bozza aktar b'saħħitha. Sar qbil li għandna niċċekjaw dwarha u filkaż napplikaw għal bozza ġdida fil-viċin.

12.2 Il-Kunsillier Buttigieg staqsa wkoll dwar x'kien ġara mill-applikazzjoni ta' żewg lampi ġodda fi Triq ħdejn il-heliport. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-Enemalta f'hiex waslet l-applikazzjoni tagħhom.

12.3 Il-Kunsillier Karen Xuereb ressqet talba ta' xi residenti sabiex titranga Baħħara Street. Il-Kunsill qabel li din baqghet ma saritx peress li hemm xi każijiet tal-Qorti pendenti dwarha.

12.4 Il-kunsillier Peter Caruana rrefera għall-ħtiega ta' tabella sabiex ma' jintefax skart fi Triq St. Anthony fil-kantuniera maċ-ċint tal-wied.

**Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**